**Quddiemek Mulej**

Intasabt quddiemek b'qalbi maqsuma
Donnok li kont taf minn xiex jien għaddej,
U f'dak is-skiet li itarrax tiegħek
Għaraft il-kalvarju kbir li tkun għaddej.

B'qalb imtertqa ma stajtx le O Mulejja
Ma ntarraflekx l-ugiegħ b'wisq niket,
Kif stajt għidli nibqa' sieket O Sidi
Meta naf dak li l-ispirtu tiegħi wiret.

Imma kemm qalb il-bniedem taf tkun samma
Hekk li t-tjubija tal-ieħor ma tarax,
Kemm taf tkun maqfula f'tant egoiżmu
Li hlief l-għajta taghha hi biss ma tismax.

Jien naf Mulej kif int fettillek taħdem
Ma nifhmekx, avolja dak li nħoss mhux kliem,
Jgħidu li Int kollok tjubija w ħniena
Jirreferu għalik ix-Xmara tas-Sliem.

Sewwa qed tgħidli ja ħija infinit
F'dan il-jum mimli xita, hekk sewdieni,
Inħossok tgħannaqni b'qawwa ma' qalbek
Għax naf fuq li naf kemm Int tridni ħieni.

Mulejja, qed isir il-ħin, qed tinżel
Ix-xita bla ma taqta' 'l fuq mis-smewwiet,
Inħossni bil-wisq ċkejken hawn quddiemek
Minnek fuqi ġejja mħabba tal-ħlewwiet.

Haġa oħra naf ja Mulejja wisq twajjeb
Li int taf xi jsarrfu tant qlub moħbijin,
Li jigu misħuqa bl-akbar kefrija
Minn dak li huma minfuħa u mkabbrin.

Hekk migrugħ mill-waħx tal-kbira miżerja
Niccelebra ħnientek kbira  w ħanina,
Li tiġi tiltaqa' miegħi, tfissiddni
Għax taf l-ugigħ ta' din qalbi miskina.

Hekk, quddiemek, inħoss li għandi niskot
Abbli li nilmenta biss ikun għalxej'
Jaf din l-istqarrija hi wkoll imħabbti
Għalik imferra' quddiemek O Mulej.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 t'Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen